MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Numru. 939/2005

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
David Farr, iben Patrick,
imwieled Pieta' fil-31 ta'
mejju, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, fit-28 ta' april, 2004 għal ħabta ta' bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m., ikkawża ħsara volontarja fuq
il-vettura ta' l-għamla SEAT Ibiza, ta' lewn iswed, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAG 538, tal-valur ta' Lm82.60 għad-dannu ta' Laurence Balzan minn Ħal-Għaxaq.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' novembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, rat
l-artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' Lm82.60 danni lil Laurence Balzan. Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------